# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2024.**

**Numru 12**

**Rikors numru 362/19/1 RGM**

**MPM Capital Investments Ltd (C-46783), Alexander Mangion u Melvyn Mangion**

**v.**

**Alfred Anton Zarifa u Oleba Viktorivna magħrufa bħala Elena Zarifa**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi kollha kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' April, 2023, fejn din ċaħdet it-talbiet tagħhom: (i) biex jitħassru l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1017/18 maħruġ kontrihom u d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar, 2019, li ċaħdilhom it-talba

tagħhom biex jitħassar dan il-mandat; u (ii) biex il-konvenuti jħallsuhom id-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba l-ħruġ tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kontrihom.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-10 ta' April, 2019, l-atturi fissru li b'rikors imressaq fil-21 ta' Ġunju, 2018, il-konvenuti miżżewġin Zarifa talbu u kisbu l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1017/2018 kontrihom fuq is-somma ta' €3,429,479 fuq il-pretensjoni li l-atturi ikkawżawlhom id-danni minħabba li amministraw b'mod ħażin il-flejjes li fdawlhom f'idejhom il-konvenuti u kif ukoll minħabba li l-atturi kienu talbuhom iroddulhom xi flejjes li qalu li sellfuhom, meta skont il-konvenuti Zarifa, dan ma kienx minnu. Issoktaw jispjegaw li huma ressqu talba biex dan il-mandat ta' sekwestru jitħassar fuq is-saħħa tal-**paragrafi (b)** u **(f) tal-ewwel subinċiż tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, iżda din ġiet miċħuda b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Jannar, 2019.

3. Fissru wkoll li l-miżżewġin Zarifa kienu kisbu wkoll l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1803/2018 kontrihom iżda dan il-mandat tħassar aktar tard mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li l-atturi talbu t-tħassir tiegħu skont l-**ewwel subinċiż tal-Artikolu 836**, hawn fuq

imsemmi. L-atturi saħqu li l-mandat ta' sekwestru maħruġ kontrihom kien wieħed għalkollox vessatorju, bl-għan waħdieni li jġiegħlhom ibaxxu rashom għar-rieda tal-konvenuti Zarifa, u għalhekk mhuwiex raġonevoli li dan jinżamm fis-seħħ. Tennew li meta wieħed jagħsar kollox, jiġi li l-miżżewġin Zarifa talbu l-ħruġ ta' dan il-mandat bħala tpattija għaliex l-atturi kienu għamlulhom mandat ta' sekwestru u fetħulhom kawża fejn talbuhom iħallsuhom il-flejjes li kienu sellfuhom.

4. Sostnew li ma kien hemm ebda bżonn li l-miżżewġin Zarifa jitolbu l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għaliex dawn la qatt kellhom u wisq inqas seta' kellhom xi biża' jew dubju dwar il-likwidità tal-kumpanija attriċi. Minbarra dan, huma żiedu jgħidu li l-konvenuti Zarifa ma kellhomx sies biex jipproċedu kontra l-atturi Alexander u Melvyn Mangion f'isimhom personali għaliex dawn tal-aħħar kienu biss diretturi tal-kumpanija attriċi u l-flejjes dejjem għaddew mingħand il-konvenuti għal għand il-kumpanija attriċi. Huma għalqu billi sostnew li l-konvenuti Zarifa ma wrewx kif waslu għas-somma li ħtiġilhom jikkawtelaw u lanqas hemżu xi prospett mal-mandat li ressqu kontrihom, u b'hekk ma laħqux il-grad meħtieġ ta' *prima facie*.

5. Billi fil-fehma tal-atturi, il-mandat li ressqu kontrihom il-konvenuti Zarifa kien wieħed fieragħ u vessatorju li wassalhom biex ġarrbu d-danni, huma fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tħassar, tirrevoka u tannulla d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet premessi;*

*2. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1017/18 fl-ismijiet Alfred Anton Zarifa K.I. 315087M u Olena Viktorivna magħrufa bħala Elena Zarifa K.I. 326807L vs MPM Capital Investment Ltd (C46783), Alexander Mangion [565482M] u Melvyn Mangion [300580M];*

*3. Tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru indikat fit-tieni talba inħareġ b'mod abbużiv minn Alfred Anton Zarifa K.I. 315087M u Olena Viktorivna magħrufa bħala Elena Zarifa K.I. 326807L u konsegwentement tiddikjara li l-istess konjuġi Zarifa għandhom iwieġbu għad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

*4. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;*

*5. Tikkundanna lil Alfred Anton Zarifa K.I. 315087M u Olena Viktorivna magħrufa bħala Elena Zarifa K.I. 326807L iħallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħax dekorribbli fil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra Alfred Anton Zarifa u Olena Viktorivna magħrufa bħala Elena Zarifa li huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

6. Il-konvenuti wieġbu għal dan ir-rikors maħluf fil-5 ta' Ġunju, 2019, u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. L-uniku eżami u l-unika konsiderazzjoni li jinħtieġ li tagħmel din l-Onorabbli Qorti kwantu l-validità tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 1017/2019 JRM huma dawk biss ta' eżami u konsiderazzjoni prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-eżami u l-kunsiderazzjoni li trid tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.*

*2. Di più mid-dispożizzjoni tal-Artikoli 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa l-artikolu li jirregola u konsegwentement huwa s-sors ta' dritt għar-revoka ta' mandat kawtelatorju, dak li trid tagħmel din l-Onorabbli Qorti anke f'din il-proċedura huwa biss li teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat inkwistjoni kellu pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma – mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra għall-eżitu tal-kawża.*

*3. Skont l-insenjament kostanti tal-ġurisprudenza, dak li l-Qorti għandha tistħarreġ huwa jekk ir-rekwiżiti li trid il-liġi għall-ħruġ ta' Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu kif ukoll tara li l-att ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv.*

*4. Il-Qorti għandha dejjem tiġi gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza. Jibqa' d-dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakem il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi deferit minn Qorti.*

*5. Illi jekk 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-pretensjoni tal-eżekutant mhijiex tajba, xorta waħda ma jistax jingħad neċessarjament li l-mandat ma kienx iġġustifikat għaliex is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ u abbużiv.*

*6. Illi l-kawżali msemmija mis-soċjetà rikorrenti MPM Capital Investments Limited u mir-rikorrenti atturi l-oħra, id-diretturi tagħha Alexander Mangion u Melvyn Mangion, fir-Rikors Ġuramentat tagħhom, m'għandhomx lok f'din il-proċedura, iżda għadhom jiġu trattati u deċiżi proprju fil-mertu, u mhux f'kawża li fiha qiegħda tintalab ir-revoka ta' mandat kawtelatorju, għaliex altrimenti wieħed neċessarjament ikun irid jidħol fil-mertu tal-kawża stess, u dan imur oltre l-ġudizzju prima facie li dina l-Onorabbli Qorti, f'din il-proċedura, hija tenuta li taddotta skont l-istess ċitati artikoli, li essenzjalment u finalment huwa a bażi tiegħu li s-soċjetà rikorrenti attriċi MPM Capital Investments Limited u r-rikorrenti atturi l-oħra d-diretturi tagħha Alexander Mangion u Melvyn Mangion ippreżentaw ir-rikors ġuramentat odjern.*

*7. Illi ma hemmx dubju li fil-każ tal-mandat ta' sekwestru odjern, il-Qorti qabel ħarġet dan il-mandat qieset, kif dejjem tagħmel, il-mandat b'ċirkospezzjoni u attenzjoni kbira. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-Qorti li rrespinġiet it-talba għar-revoka fejn sar eżami akkurat u attent sabiex jiġi determinat jekk seħħx abbuż fl-ispedizzjoni tal-istess imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju.*

*8. Illi ma kien hemm xejn abbużiv fit-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu u oġġett tal-kawża odjerna. L-intimati ressqu talba għall-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju sabiex jikkawtelaw dritt li huma jħossu li għandhom għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kkawżati lilhom mis-soċjetà rikorrenti u mid-diretturi tagħha, ir-rikorrenti l-oħra f'din il-kawża, b'riżultat ta' u konsegwenti għall-atti u ommissjonijiet negliġenti, imprudenti, abbużivi u dolużi fil-ġestjoni u fl-investiment ta' flushom u l-assi tagħhom. Is-soċjetà rikorrenti setgħet biss tikkommetti l-atti u ommissjonijiet negliġenti, imprudenti, abbużivi u dolużi bil-kompliċità, il-parteċipazzjoni u l-konnivenza tad-diretturi tagħha u għalhekk huwa legalment ġustifikabbli li l-ispedizzjoni tal-mandat kawtelatorju tintalab kontra d-diretturi, li indiskutibilment huma l-lunga manus tas-soċjetà rikorrenti.*

*9. Illi kwantu għall-ammont ta' danni li għalih qiegħda tintalab kawtela u garanzija permezz tal-ispedizzjoni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju oġġett u mertu ta' din il-kawża, dan huwa bbażat fuq l-ammonti li l-intimati ġew esposti għalihom u kawża u konsegwenza tal-atti u tal-ommissjonijiet negliġenti, imprudenti, abbużivi u dolużi fil-ġestjoni u l-investiment ta' flushom u tal-assi tagħhom da parti tas-soċjetà attriċi, bil-parteċipazzjoni u bil-konnivenza tad-diretturi tagħha.*

*10. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' April, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet is-seba' eċċezzjoni tal-konvenuti u b'hekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

8. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet b'dan il-mod kienu dawn:

*«**Konsiderazzjonijiet***

*39. Din hija azzjoni fejn l-atturi qed jitolbu t-tħassir ta' digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Jannar 2019, liema digriet ċaħad it-talba tar-rikorrenti għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1017/2018 fl-ismijiet Alfred Anton Zarifa et vs. MPM Capital Investments Ltd et.*

*40. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-**Artikolu 836 (5) tal-Kapitolu 12** li jipprovdi fost oħrajn li "Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli".*

*…*

*42. Ġaladarba mhux ammissibbli appell minn digriet li jiċħad talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju, ir-rikorrenti korrettament intavolaw din l-azzjoni ad hoc sabiex jattakkaw id-digriet taċ-ċaħda tat-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru.*

*43. F'kawża ta' din ix-xorta fejn b'rikors ġuramentat qed jintalab fl-ewwel lok ir-revoka ta' digriet li ċaħad talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju, il-Qorti trid tevalwa d-deċiżjoni attakkata fid-dawl tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 u tevalwa jekk dik il-Qorti segwietx il-proċedura hemm stabbilita.*

*44. Kif ġie ritenut fis-sentenza* ***Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2001,*

> *«mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.»*

*45. Kif rajna r-rikorrenti kienu intavolaw rikors fit-28 ta' Ġunju 2018 fejn talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1017/2018 liema talba kienet imsejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (b) u (f), u b'digriet kamerali tal-15 ta' Jannar 2019 din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-talba wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

> *«Għalhekk il-kliem ta' din id-dispożizzjoni għandu tifsira li xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att issa wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, jinħtieg li jintwera li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att innifsu.*
>
> *Però minn dak li jirriżulta mill-atti lilha presentati f'dawn l-atti u mad-daqqa t'għajn ma ġie muri ebda bidla kif hekk ravviżata fl-artikolu in eżami. Għalhekk it-talba għar-revoka tfalli f'dan ir-rigward.»*

*Għas-subinċiż (f) il-Qorti imbagħad għamlet is-segwenti konsiderazzjoni:*

> *«Imkien mir-rikors in eżami ma jirriżulta xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika din ir-revoka. Ma nġabet ebda prova mad-daqqa t'għajn illi turi xi bdil ta' ċirkostanzi jew li l-ammont huwa wieħed esaġerat anke jekk ir-rikorrenti da parti tagħhom ukoll għandhom jedd vantat kontra is-sekwestranti. Il-fatt li hemm pendenzi varji bejn il-partijiet, pendenzi li għad jridu jgħaddu minn skrutinju aktar profond, il-fatt li anke inqala diverbju bejniethom u inċidenti li involvew il-pulizija ma jiġġustifikax din it-talba. Konsegwentement ir-revoka hija miċħuda anke f'dan ir-rigward.»*

*Wara li ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat għaddiet sabiex tqis it-talba għal penali taħt l-Artikolu 836 (8) u (9) u l-Qorti kkunsidrat li:*

> *«għalkemm ir-rikorrenti ma jagħtix indikazzjoni taħt liema dispożizzjoni qiegħed jinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu subinċiz (8), minn eżami ta' dak li jgħidu s-subinċiżi kollha tal-istess artikolu 836(8) ma tarax li t-talba hija waħda ġustifikata. Mill-qari tar-rikors in eżami l-Qorti tista' tasal illi r-rikorrenti aktar iqarreb lejn dak provdut fis-subinċiż (ċ), però terġa' tirritjeni l-Qorti illi l-fatt biss li f'pendenzi reċiproċi kull parti tirrikorri għal att kawtelatorju ma jfissirx illi dana tagħmlu b'mod vessatorju jew b'malizja. Lanqas ma jfisser li l-kawtela ma tkunx ġustifikata rrelevanti jekk fl-aħħar is-sekwestrant ma jingħatax raġun.»*

*Dwar it-talba ai termini tal-Artikolu 838A il-Qorti kkonludiet li:*

> *«ma tqisx li hawn tirriaviża sitwazzjoni fejn hija ġustifikata l-għoti ta' ġaranzija. Ma tistax tgħid li nonostante il-lanjanzi mressqa li l-mandat ħareġ b'xi mod abbużiv, lanqas b'qerq jew frugħa.»*

*46. B'din l-azzjoni r-rikorrenti qegħdin fl-ewwel lok jitolbu r-revoka tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta li permezz tiegħu kif rajna t-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat kawtelatorju ġiet miċħuda. It-talbiet sussegwenti tal-atturi għar-revoka tal-mandat kawtelatorju u għall-kundanna ta' danni huma konsegwenzjali għall-ewwel talba u jiddependu mill-eżitu tagħha għaliex jekk l-ewwel talba tiġi miċħuda l-kawża tieqaf hemm.*

*47. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-provvediment fl-ismijiet **Fl-atti tal-kawża numru 5/2017 wara l-ħruġ tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar … numru 6/2017 fl-ismijiet: Graziella Attard et. v. Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek et** mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2017 dwar digriet li jiċħad talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju:*

> *«…la jista' jsir appell …… u lanqas ma tista' terġa' ssir l-istess talba sakemm ma jintweriex li seħħew fatti ġodda: tista' ssir biss kontestazzjoni tad-dikriet permezz ta' kawża b'rikors maħluf quddiem l-istess qorti li tat id-dikriet.»*

*48. Appena huwa neċessarju jiġi ribadit illi azzjonijiet bħal dik odjerna m'humiex intiżi sabiex jiġi investit il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet. **Referenza ssir għas-sentenza Suzanne Busuttil et vs. Francis Busuttil & Sons Ltd et** mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-21 ta' Marzu 2019 fejn ġie ritenut li:*

> *«Il-kontradittorju biex jiġi revokat provvediment irid jiġi inkwadrat fil-poter residwali mogħti lil-Qrati Ordinarji biex jissindakaw operat jew ġudizzju ta' Qorti jew Tribunal u dan peress illi appell minn provvediment bħal dan inkwistjoni hu eskluż. Din il-proċedura mhix estensjoni tal-proċeduri tal-Ewwel Qorti iżda proċedura ad hoc biex jiġi assikurat li parti ma tkunx sofriet preġudizzju. Din il-ġurisdizzjoni residwali, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti f'diversi sentenzi fi proċeduri anki naxxenti minn deċiżjonijiet ta' Tribunali hi intiża biex tissana:*
>
> *a. nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;*
>
> *b. ksur ta' xi dispożizzjonii tal-liġi fl-għoti tad-deċiżjoni;*
>
> *c. fejn il-ġudikant aġixxa ultra jew extra petita.*
>
> *Ara f'dan is-sens **Avukat Ġenerali et v. Nicoli Magrin et**, App 24/11/2017; **Avukat Ġenerali v. Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà et**, App 07/05/2010; **Anthony Gatt v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, App Inf 13/01/2004).»*

*49. Din il-Qorti għalhekk għandha tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha għat-tliet parametri imsemmija fil-ġurisprudenza u trid tqis jekk ir-rikorrenti fil-fatt ressqux talbiet li jinkwadraw ruħhom f'dawn il-parametri.*

*50. Ir-rikorrenti b'din l-azzjoni jallegaw li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat mill-konjuġi Zarifa kien wieħed vessatorju u abbużiv u wieħed biex idejjaq, jgħidu li dan sar b'ritaljazzjoni għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li s-soċjetà MPM Capital intavolat kontra l-konjuġi Zarifa għall-ħlas ta' debitu fis-somma ta' 'l fuq minn €3,000,000. Ikomplu jgħidu wkoll li l-intimati naqsu milli juru li prima facie batew xi danni, tant li naqsu milli jippreżentaw prospett f'ebda waħda mill-proċeduri pendenti u wisq anqas mal-mandat ta' sekwestru innifsu kif ukoll f'din l-azzjoni. Ir-rikorrenti jinsistu li s-soċjetà MPM Capital għandha biżżejjed likwidità u għalhekk m'hemm ebda ħtieġa għal mandat ta' sekwestru. Din il-Qorti tosserva wkoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet, u mhux fir-rikors ġuramentat promotur, ir-rikorrenti għaddew biex għamlu referenza għal tliet subinċiżi taħt l-Artikolu 836 (1) u ċjoè s-subinċiżi (b), (d) u (e).*

*51. Però l-azzjoni tal-atturi ma jistax ikollu eżitu favorevoli jekk qabel xejn ma jirnexxilhomx juru sodisfaċentement illi l-provvediment ta' din il-Qorti diversament preseduta mogħti fil-15 ta' Jannar 2019 għandu jiġi mħassar.*

*52. Fl-ebda stadju matul is-smigħ ta' din il-kawża ma ġie lmentat mir-rikorrenti li l-Ewwel Qorti naqset milli tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew li kien hemm ksur ta' xi dispożizzjoni tal-liġi jew li aġġixxiet ultra vires jew ultra petita. Lanqas ma nġiebet xi prova ta' ksur ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali f'dak li hu audi alteram partem, nemo iudex in causa propria jew nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni.*

*53. Il-Qorti tqis illi fid-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019 din il-Qorti diversament preseduta kkonsidrat it-talbiet kollha mressqa quddiemha u ddeċidithom wara li mmotivat l-istess deċiżjoni tagħha.*

*54. Minn qari tar-rikors promotur fil-kawża odjerna kif ukoll tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti jirriżulta illi l-atturi mhux jattakkaw l-imsemmi digriet fuq xi waħda mir-raġunijiet indikati fil-ġurisprudenza ċitata iżda jitolbu lill-Qorti tikkonsidra mill-ġdid raġunijiet għaliex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jiġi mħassar.*

*55. Il-Qorti ma tistax tikkonsidra mill-ġdid talba għat-tħassir tal-istess mandat kawtelatorju jekk qabel xejn ma jinġibux raġunijiet tajba sabiex tħassar id-deċiżjoni li ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat.*

*56. Irriżulta li din il-Qorti diversament preseduta segwiet korrettement il-proċedura stabbilita u qagħdet b'seba' għajnejn sabiex tassigura li tagħti lill-partijiet opportunità ugwali sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom. Tant illi meta l-atturi odjerni, wara li l-konvenuti ppreżentaw ir-risposta tagħhom, ippreżentaw nota' b'sottomissjonijiet ulterjuri u provi*

*dokumentarji, il-Qorti tat l-opportunità lill-parti l-oħra tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri qabel tat il-provvediment tagħha hawn attakkat.*

*57. F'kawża ta' din ix-xorta mhux mogħti lill-Qorti l-kompitu li tiddelibera jekk l-atturi għandhomx raġun fit-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat kawtelatorju, sakemm id-digriet taċ-ċaħda tat-talba għar-revoka għadu in vigore. Kif rajna l-atturi ma ressqu l-ebda raġuni valida għaliex din il-Qorti għandha twarrab id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta.*

*58. Fis-seba' eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti eċċepew illi, «... fir-rigward tal-Qorti li rrespinġiet it-talba għar-revoka fejn sar eżami akkurat u attent sabiex jiġi determinat jekk seħħx xi abbuż fl-ispedizzjoni tal-istess imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju.»*

*59. Tqis illi din is-seba' eċċezzjoni hija fondata u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel talba attriċi.»*

9. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-25 ta' Mejju, 2023, fejn taw numru ta' raġunijiet li fil-fehma tagħhom jagħtu lok biex is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti titħassar kollha kemm hi. Fost l-argumenti li ressqu huma saħqu, b'mod partikolari, li l-mandat ta' sekwestru inkwistjoni kien eċċessiv u la kien raġonevoli u wisq anqas ġustifikat, sa mill-mument li dan inħareġ.

10. Il-konvenuti Zarifa wieġbu għal dan l-appell fil-15 ta' Novembru, 2023, u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn jemmnu li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-atturi ressqu biss aggravju wieħed mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn fih ġabru l-ilmenti kollha tagħhom. Meta wieħed jagħsar dak kollu li ntqal fir-rikors tal-appell, wieħed jista' jiġbor l-ilmenti tal-atturi fil-punti li ġejjin:

i. li f'din il-kawża nġabu biżżejjed provi li juru li d-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019, li ċaħad it-talba tagħhom għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1017/2018, huwa wieħed sostantivament ħażin;

ii. li l-miżżewġin Zarifa riedu jagħmlu vendikazzjoni personali lill-attur Alexander Mangion talli l-kumpanija attriċi, li tagħha huwa direttur, nediet proċeduri legali sabiex tiġbor somma flus mingħandhom;

iii. li hemm dubju serju dwar jekk, sa mill-bidu nett, kienx hemm il-ħtiġijiet kollha tal-liġi sabiex jintalab il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni;

iv. li skont Paul Bonello, li tqabbad mill-konvenuti Zarifa bħala espert

fil-qasam finanzjarju, il-konvenuti m'għamlu ebda telf mit-transazzjonijiet ta' investiment li wettqu permezz tal-kumpanija attriċi, u anzi għamlu l-qligħ – stqarrija li fil-fehma tal-atturi tistona ferm mal-pretensjoni li fuqha l-konvenuti talbu l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni u li fid-dawl tagħha l-atturi jisħqu li ma nġabitx il-prova meħtieġa sal-livell ta' *prima facie* sabiex jinħareġ il-mandat;

v. li l-istess Paul Bonello stqarr li huwa ma ra ebda dokument dwar l-allegati danni li ġarrbu l-konvenuti u lanqas irriżultalu li l-kumpanija attriċi għandha xi dejn mal-konvenuti Zarifa;

vi. li l-konvenuti Zarifa ma ressqu ebda dokument jew prova biex juru li huma batew xi telf jew dannu b'kawża tal-imġiba tal-atturi;

vii. li l-mandat ta' sekwestru mhuwiex raġonevoli u ġustifikat, u huwa wkoll eċċessiv għaliex il-konvenuti Zarifa ma ppreżentaw ebda dokumentazzjoni jew xi prospett li juri li l-kumpanija attriċi għandha dejn fl-ammont ta' €3,429,479 mal-miżżewġin Zarifa, u għalhekk ma kienx validu sa mill-mument li nħareġ;

viii. li b'kumbinazzjoni, l-ammont kawtelat mill-miżżewġin Zarifa huwa sewwasew l-istess ammont li ġie kawtelat mill-kumpanija attriċi fil-mandat ta' sekwestru li hija ressqet kontra l-konvenuti Zarifa;

ix. li l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1174/2018LM, li l-konvenuti Zarifa kisbu kontra l-atturi, spiċċa biex tħassar bħala wieħed mhux ġustifikat fuq talba tal-atturi, wara li l-Qorti rriżultalha li l-miżżewġin Zarifa ma kienu ressqu ebda prova jew prospett li permezz tagħhom imqar indikaw x'kalkoli għamlu biex wasslu għall-ammont ta' danni mitlub minnhom. Terġa' u tgħid, it-talba tal-konvenuti biex jinħareġ mill-ġdid dan il-mandat ġiet miċħuda. Għalhekk, jgħidu li bl-istess mod, għandu jitħassar il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni għaliex dan ma kienx wieħed ġustifikat sa mill-bidu nett;

x. li l-konvenuti Zarifa ma kellhomx għalfejn jitolbu l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kontra l-atturi Mangion personalment għaliex ir-relazzjoni kummerċjali tal-konvenuti kienet biss mal-kumpanija attriċi; u

xi. li l-mandat kawtelatorju inkwistjoni kkawżalhom danni kbar għaliex ma setgħux jagħmlu użu mill-flejjes depożitati fil-kontijiet bankarji tagħhom, filwaqt li Alexander Mangion ma setax jiftaħ kont bankarju jew jieħu self finanzjarju fuq bażi personali, u b'hekk huma tilfu l-imgħaxijiet u numru ta' opportunitajiet ta' investiment.

13. Permezz ta' din il-kawża, l-atturi flimkien qegħdin ifittxu li jħassru

kemm id-digriet tal-21 ta' Ġunju, 2018, li bih il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-konvenuti Zarifa biex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1017/18 kontrihom u kif ukoll id-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019, li bih il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet ukoll it-talba tagħhom biex jitħassar il-mandat imsemmi. Minbarra dan, huma qegħdin ifittxu li jitħallsu mill-konvenuti d-danni kollha li jgħidu li ġarrbu minħabba fil-ħruġ ta' dan il-mandat ta' sekwestru.

14. Il-Qorti tibda billi tistqarr li hija ma taqbel xejn mal-Ewwel Qorti fejn din irraġunat li t-talba tal-atturi għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tiddependi minn jekk tintlaqax it-talba tagħhom biex jitħassar id-digriet fejn ġiet miċħuda t-talba tal-atturi sabiex jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru. Tassew, it-talba għat-tħassir tad-digriet li laqa' l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tista' tiġi mistħarrġa indipendentement mit-talba għat-tħassir tad-digriet li ċaħad it-talba għar-revoka tal-mandat. Hija biss it-talba tal-atturi biex jitħallsu d-danni mingħand il-konvenuti li jista' jkollha dipendenza fuq l-eżitu tal-ewwel żewġ talbiet dwar it-tħassir taż-żewġ digrieti.

15. Dan naturalment hu hekk għaliex jekk kemm-il darba l-Qorti tiċħad it-talbiet tal-atturi biex jitħassar xi wieħed miż-żewġ digrieti tal-21 ta' Ġunju, 2018 u tal-15 ta' Jannar, 2019, ikun ifisser li l-atturi ma jkunux ressqu raġunijiet tajba biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Qorti li l-effetti tal-

mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandhom jitneħħew. Qajla hemm bżonn jingħad, li f'każ li l-atturi ma jseħħilhomx juru li l-mandat ta' sekwestru li nħareġ kontrihom kien wieħed mhux f'loku, mela daqstant ieħor l-atturi ma jistgħux jisħqu li huma ġarrbu xi danni b'konsegwenza tal-ħruġ u taż-żamma fis-seħħ ta' dan il-mandat.

16. Min-naħa l-oħra l-proċedura biex wieħed jattakka jew jibdel digriet li jkun laqa' talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju mhijiex waħda li bdiet tintuża issa jew f'dawn l-aħħar snin. Hemm sensiela ta' każijiet fejn il-Qrati tagħna qiesu talbiet bħal dawn u partikolarment dwar l-għamla ta' proċedura meħtieġa. Kemm hu hekk, tqies li digriet li bih Qorti tkun laqgħet talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju mhuwiex la wieħed definittiv u lanqas wieħed interlokutorju, ukoll jekk jingħata wara li l-Qorti tkun semgħet lill-partijiet (ara ***Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Awwissu, 1953). Digriet bħal dak ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet, la jorbot lill-ġudikant u lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju. Mod ieħor, tali digriet jagħmel biss parti mill-atti tal-mandat relattiv, u mhux parti mill-atti tal-kawża u b'hekk il-proċedura marbuta ma' tali digriet teżawrixxi ruħha bil-ħruġ tiegħu.

17. Għalhekk, ladarba digriet bħal dan mhuwiex interlokutorju, mela allura ma jistax isir appell minnu quddiem il-Qorti tal-Appell (ara ***Rosa Borg v. Avukat Dr. Frank Chetcuti et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-

Appell fit-8 ta' Frar, 1946). Dan iwassal għall-konklużjoni li d-digriet li jilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jitħassar biss mill-istess Qorti li tkun tatu: (i) jew fuq talba li ssirilha b'rikors sempliċi msejjes fuq waħda mir-raġunijiet maħsuba fl-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Joseph Camilleri et v. Anthony Govè*** mogħtija mill-Pirm'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju, 2001 u ***Carnik Construction Limited v. Victor Borg Barthet nomine*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2006); (ii) jew inkella, f'każijiet fejn ma japplikawx l-estremi tal-**Artikolu 836(1)**, hawn fuq imsemmi, fuq talba li ssirilha b'rikors maħluf, wara li tqis jekk hemmx raġuni tajba biex tħassar jew tibdel digriet bħal dak (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ***Joseph Bonello nomine v. Emanuel Ellul nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-26 ta' Ġunju, 1987 u ***Howard Stanley Kreiss v. Patrick Zrinzo*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2009).

18. Fil-każ tagħna, l-atturi qegħdin jagħmlu użu mill-proċedura tar-rikors maħluf biex iħassru kemm il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni u kif ukoll id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdilhom it-talba biex jitħassar dan il-mandat. Kif rajna, sa fejn jolqot id-digriet li laqa' l-mandat ta' sekwestru, l-atturi ma jistgħux jistrieħu fuq xi waħda mis-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** iżda jridu jsibu raġuni oħra tajba sabiex jiksbu

b'suċċess it-tħassir tiegħu. Kemm hu hekk, minn kif inhu mfassal dan is-subinċiż tal-liġi, b'mod partikolari l-frażi tiegħu, *«mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra»*, jidher ċar li l-leġislatur ried iħalli miftuħa lis-sekwestrat l-għażla li jew jattakka l-mandat taħt xi waħda miċ-ċirkostanzi misjuba f'dan is-subinċiż, jew inkella li jagħmel użu minn xi jedd ieħor li jista' jkollu skont il-liġi. Madankollu, fit-tħaddim tiegħu ta' dan il-jedd, is-sekwestrat ma jistax jirkeb fuq il-karru ta' xi waħda miċ-ċirkostanzi misjuba fl-**ewwel subinċiż tal-Artikolu 836**, għaliex altrimenti dan ikun qiegħed jirrendi l-proċedura fih imsemmija bħala waħda żejda u mhux meħtieġa.

19. Fl-istess waqt, l-atturi qegħdin jagħmlu użu wkoll mill-istess proċedura bil-għan li jħassru wkoll id-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019, li ċaħad it-talba tagħhom biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru. Dan id-digriet madankollu, irid jiġi mistħarreġ fuq kriterji differenti minn dawk li fuqhom jista' jiġi attakkat id-digriet li laqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat, fosthom: (i) in-nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali; (ii) il-ksur ta' xi dispożizzjoni tal-liġi fl-għoti tad-deċiżjoni; (iii) it-twettiq ta' żball manifest, (iv) it-teħid ta' deċiżjoni *ultra* jew *extra petita*, jew (v) xi raġuni oħra tajba skont il-liġi.

20. Ifisser dan, li b'differenza għall-istħarriġ tad-digriet li ordna l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, fl-eżami tagħha ta' dan id-digriet, il-Qorti hija

mħollija tidħol fil-kwistjoni dwar jekk dik id-deċiżjoni tkunx tmur kontra xi wieħed mill-paragrafi misjuba fl-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u dan sewwasew għaliex dan id-digriet jista' jiġi attakkat fuq ksur ta' xi provvediment tal-liġi. Huwa għalhekk sewwasew f'dan is-sens li ċ-ċaħda tat-talba tal-atturi biex jitħassar id-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019 dwar ir-revoka tal-mandat kawtelatorju ma tolqotx b'mod dirett l-istħarriġ ta' din il-Qorti dwar it-talba tal-atturi biex jitħassar id-digriet li ordna l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru nnifsu.

21. Magħluqa din il-kwistjoni, din il-Qorti tista' tgħaddi biex tgħarbel ir-raġunijiet imressqa fir-rikors tal-appell mill-atturi sabiex iwaqqgħu d-digriet tal-21 ta' Ġunju, 2018, li permezz tiegħu ntlaqgħet it-talba tal-konvenuti Zarifa sabiex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kontra l-atturi. Issa qari mirqum tal-ilmenti minn (i) sa (xi) kif miġbura minn din il-Qorti, li fuqhom l-atturi qegħdin isejsu l-appell tagħhom, iwassal lil dak li jkun biex jifhem li dawn jistgħu jinġabru kollha taħt il-keffa tal-**paragrafu (d) tal-Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan sewwasew għaliex il-qofol tal-argumenti mressqa minnhom huwa li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrihom ma kienx *prima facie* ġustifikat sa mill-mument li nħareġ u huwa wkoll eċċessiv, fosthom għaliex: (i) il-konvenuti ma wrewx kif waslu għaċ-ċifra ta' €3,429,479 li ġiet kawtelata minnhom; (ii) minn dak li xehed l-espert finanzjarju

mqabbad mill-konvenuti, dawn ma wrewx li ġarrbu xi telf jew danni mill-investimenti li għamlu permezz tal-kumpanija attriċi; u (iii) li l-konvenuti ma messhomx talbu l-ħruġ tal-mandat kontra l-atturi Alexander u Melvyn Mangion personalment għaliex ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom kienet biss mal-kumpanija attriċi.

22. Madankollu, kif rajna aktar 'il fuq, f'azzjoni mibdija bil-proċedura tar-rikors maħluf l-atturi ma jistgħux jistrieħu fuq xi waħda mis-sitt raġunijiet li jissemmew fl-**Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jitolbu b'suċċess it-tħassir tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni, iżda jridu jsibu raġuni oħra tajba sabiex jiksbu b'suċċess it-tħassir tiegħu. Ġara iżda, li l-ebda waħda mir-raġunijiet li ngħataw mill-atturi ma tmur lil hemm minn dak li hemm provdut fil-**paragrafu (d) tal-Artikolu 836(1)**, hawn fuq imsemmi, u b'hekk jiġi li fl-appell tagħhom l-atturi ma jistgħux jinqdew bil-proċedura tar-rikors maħluf biex jiksbu xi ħaġa li huma jistgħu jew setgħu jiksbuha bil-proċedura taħt l-**Artikolu 836(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

23. Jifdal biss li jiġi mistħarreġ jekk fl-appell tagħhom l-atturi ressqux xi raġuni tajba biex jirnexxielhom jiksbu it-tħassir tad-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019, li bih il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tagħhom biex il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni jitħassar. Din il-Qorti diġà semmiet aktar 'il fuq f'din is-sentenza li l-ilmenti mressqa mill-atturi fl-

appell tagħhom huma lkoll marbuta mal-kawżali msemmija fil-**paragrafu (d) tal-Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

24. Mingħajr ma ddur wisq mal-lewża, din il-Qorti ma tarax kif l-atturi jistgħu jwaqqgħu d-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019 permezz ta' ilmenti marbuta mal-**paragrafu (d)**, hawn fuq imsemmi, meta fir-rikors tagħhom tat-28 ta' Ġunju, 2018, li fuqu ngħata d-digriet inkwistjoni, huma ma ppruvawx jattakkaw id-digriet li ordna l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru fuq il-kawżali misjuba fil-**paragrafu (d)**. Tassew, bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li d-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019 huwa żbaljat minħabba li jikser din id-dispożizzjoni tal-liġi u dan sewwasew għaliex f'dak il-digriet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma stħarrġitx l-ilmenti tal-atturi mil-lenti tal-imsemmija kawżali.

25. L-atturi jaf għandhom raġun jisħqu li l-mandat ta' sekwestru li nħareġ kontrihom mhuwiex wieħed *prima facie* ġustifikat, jew li l-ammont ta' €3,429,479 li ġie kkawtelat mill-konvenuti Zarifa huwa wieħed eċċessiv, iżda jgħidu x'jgħidu huma żgur ma jistgħux jilmentaw li d-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019 huwa żbaljat, għaliex kienu huma stess li fir-rikors tagħhom tat-28 ta' Ġunju, 2018 naqsu milli jitolbu t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru fuq il-kawżali misjuba fil-**paragrafu (d) tal-Artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Anzi, din il-Qorti jkollha

tistqarr li hija tinsab bil-wisq mistgħaġba kif wara li fil-11 ta' Frar, 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħassret mandat ta' inbizzjoni maħruġ kontrihom mill-konvenuti Zarifa proprju fuq din l-istess kawżali, l-atturi naqsu milli jitolbu lill-istess Qorti li tistħarreġ ukoll il-mandat ta' sekwestru fuq din l-imsemmija kawżali.

26. Dment li s-smigħ dwar il-mertu tat-tilwimiet u l-kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet għadu għaddej, l-atturi kienu u għad għadhom fiċ-ċans li jitolbu t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni fuq il-kawżali li dan mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew li huwa eċċessiv. Minkejja dan, jekk hemm bżonn jingħad għal darb'oħra, it-tentattiv tal-atturi biex iħassru d-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019 fuq din il-kawżali permezz ta' din il-proċedura mibdija b'rikors maħluf mhuwiex wieħed fejjiedi, meta wieħed iżomm quddiem għajnejh li kienu huma stess li naqsu li jitolbu t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru fuq din il-kawżali fir-rikors li dwaru ngħata d-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019.

27. Naturalment, ġaladarba din il-Qorti ma sabitx raġunijiet tajba biex tħassar kemm id-digriet li ordna l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru u kif ukoll id-digriet tal-15 ta' Jannar, 2019, ifallu t-talbiet tal-atturi biex jitħallsu għad-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba l-għotja ta' dawn iż-żewġ digrieti.

28. Għalhekk, tħares minn fejn tħares, l-appell tal-atturi mhuwiex

wieħed siewi u b'hekk qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-atturi, bl-ispejjeż kollha kontrihom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da